Rikors Guramentat Nru: 911/2018 RGM

31/01/19

**Melita Power Diesel Limited (C 2376)**

**Vs**

**Bastiment 'Indian Empress' (IMO Nr 1006245)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-kumpanija attrici li permezz tieghu ppermettiet u tallbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti tissuplixxi diversi servizzi u provvisti lil bastimenti;

2. Illi l-esponenti, fuq ordni tal-kaptan tal-bastiment intimat, ipprovdiet diversi servizzi u provvisti lill-istess bastiment intimat fosthom xoghlijiet ta' manutenzjoni, servizzi ta' dawl u ilma, accessorji, parts, agenzija u necessitajiet ohra wara l-ahhar dhul tal-bastiment fil-port fejn jinstab illum maqbud b'diversi mandat tal-Arrest tal-Bcejjec tal-Bahar, fosthom anke l-mandat ezekuttiv tal-esponenti bin-numru 1741/2017 ghal pretenzjoni ohra.

3. Illi apparti u separatament mit-titolu ezekuttiv fl-ammont ta' €651,399.77 (sitt mija wiehed u hamsin elf, tliet mija disgha u disghin ewro u sebgha u sebghin centezmu), l-esponenti huwa dovut somma ta' sebgha u erbghin elf, hames mija u disghin ewro u sitta u tmenin centezmi (€47,590.86) skont inkartament tal-fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dokument A.

4. Illi s-somma ta' sebgha u erbghin elf, hames mija u disghin ewro u sitta u tmenin centezmi (€47,590.86) hija certa, likwida u dovuta;

5. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas tal-ammont dovut, l-intimat baqa' inadempjenti;

6. Illi l-esponenti ghandha diversi drittijiet *in rem* kontra l-bastiment in kwistjoni ai termini tal-Artikoli 742B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll igawdi wkoll minn privilegg marittimu ai termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 234;

7. Illi Pierre Balzan, bin-numru tal-Karta tal-Identita 268668M bhala Direttur uniku tas-socjeta` rikorrenti, jaf personalment dwar il-fatti kif dedotti u qieghed jikkonfermahom bil-gurament tieghu u, safejn jaf hu, il-bastiment intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talbiet rikorrenti;

8. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u billi sa fejn jaf ir-rikorrenti l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni valida xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont imsemmi;

9. Ghar-ragunijiet premessi, kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri;

Tghid ghalhekk il-bastiment intimata l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

a. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12;

b. Tikkundanna, ghar-ragunijiet premessi, lis-socjeta` intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' seba' u erbghin elf, hames mija u disghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€47,590.86) liema somma hija certa, likwida u li ghalqet u dan flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-prezenti ittra ufficjali.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Settembru 2018 fejn appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta tas-27 ta' Novembru 2018 fejn fl-istess digriet ingħatat ordni sabiex l-intimati jidhru ħalli jwieġbu għat-talba tas-soċjeta attriċi;

Rat li l-bastiment konvenut ġie debitament notifikat skont il-liġi bir-rikors ġuramentat u bl-avviż tas-smigħ tal-kawża, pero ma deher ħadd għas-seduta tas-27 ta' Novembru 2018 biex jiġġustifika jekk hemmx difiża tajba għall-kawża;

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza in difett t'ostakolo;

Rat l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12.

**Ikkunsidrat**

Jirriżulta mill-atti tal-kawża illi s-soċjeta attriċi forniet servizzi u provvisti u inkorriet spejjeż għal bastiment skont kif esebit fil-fatturi Dok. A fil-process (fol 4 sa fol 10) għal-liema ma saret ebda opposizzjoni. Din it-talba hi ġustifikata ai termini tal-Artikolu 742B tal-Kapitolu 12 liema kreditu jikkostitwixxi privileġġ ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 234.

**DECIDE**

Għaldaqstant, fil-kontumaċja tal-bastiment konvenut, il-Qorti qiegħda:

1. Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal- Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara l-bastiment konvenut "Indian Empress" bin-numru tal-IMO 1006245 debitur tas-soċjetà attriċi Melita Power Diesel Limited fl-ammont

ta' sebgħa u erbgħin elf, ħames mija u disgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmi (€47,590.86) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv;

3. Tikkundanna lill-bastiment konvenut "Indian Empress" bin-numru tal-IMO 1006245 iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, ħames mija u disgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmi (€47,590.86) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża kontra l-bastiment konvenut.

Moqrija

**Imħallef** **Deputat Reġistratur**